**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Ottubru, 2015**

Talba Nru: 256/2015JB

Numru 17

**Vanessa Bartolo**

**vs**

**Kenneth Aquilina**

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-30 ta' Marzu 2015, li jaqra hekk:-

> Illi l-intimat gie ordnat permezz ta' digriet datat 7 ta' Marzu, 2014 sabiex b'effett mill-4 ta' Ottobru tas-sena 2013 ihallas lir-rikorrenti nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri Trystin Aquilina;
>
> Illi r-rikorrenti inkorriet spejjez ta' sahha u edukazzjoni fis-somma t'elfejn u tnejn u erbghin ewro u tmienja u disghin centezmu (€2,042.98c);
>
> Illi ghalhekk l-intimat hu obbligat li jhallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf u wiehed u ghoxrin ewro u disgha u erbghin centezmu (€1,021.49c) rapprezentanti nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni inkorsi mir-rikorrenti, li sal-lum ghadhom ma gewx imhallsa;
>
> Illi minkejja li l-intimat gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas dak kollhu dovut minnu hu baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha issir din il-kawza.
>
> Jghid ghalhekk l-intimat ghalhiex dan it-Tribunal m'ghandux:
>
> Jiddikjara li l-intimat hu debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' elf u wiehed u ghoxrin ewro u disgha u erbghin centezmu (€1,021.49c)
>
> Jikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf u wiehed u ghoxrin ewro u disgha u erbghin centezmu (€1,021.49c).
>
> Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Il-konvenut permezz tar-risposta tieghu pprezentata fl-4 ta' Mejju 2015, laqa' ghal din l-azzjoni billi wiegeb kif gej:

> Illi it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt stante illi minkejja illi hu palezi illi l-ispejjez ta’ sahha u edukazzjoni inkorsi ghall-minuri iben il-partijiet, ghandhom ikunu a karigu tal-partijiet fi kwoti ndaqs bejniethom. Ir-rikorrenti qieghda taghzel l-aktar servizzi oghlja u dana minghajr ebda konsultazzjoni ma’ l-intimat, meta dawk l-istess servizzi jistghu facilment jigu pprovduti mis-servizzi ta’ l-istat.
>
> Illi inoltre ghandu jinghad li mhux l-ispejjez kollha inkorsi huma necessarja ghal minuri.
>
> Salv eccezzjonijiet ulterjuri kif permessi fil-ligi.

Ra l-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Mejju 2015, fejn it-Tribunal, diversament presedut, issolleva dan li gej:

> It-Tribunal jara mir-risposta li din il-kawza ma tidhirx li hija kompetenza ta’ l-istess u tiddiferixxi l-kawza ghall-provi u trattazzjoni jekk ikun il-kaz fuq dan il-punt ghat-2 ta’ Gunju 2015 fin-12:30 p.m.

Ra l-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Gunju 2015, fejn it-Tribunal, diversament presedut, halla l-kawza ghall-prezentata tad-digriet in kwistjoni;

Ra l-verbal tas-seduta tal-24 ta’ Settembru 2015, li *inter alia* jghid hekk:

> In vista tar-risposta u tal-verbal ta' dan it-Tribunal tal-5 ta' Mejju 2015, kif ukoll tal-verbal tat-2 ta' Gunju 2015 dwar liema verbali sal-lum jidher li ma sar xejn, it-Tribunal jordna li qabel xejn l-attrici ghandha sas-seduta li jmiss tipprezenta kopja tad-digriet li qed issir referenza ghalih fil-kawza kif ukoll tiddikjara permezz ta' nota xi proceduri hemm pendenti bejna u bejn il-konvenut, u tipprezenta kopja taghhom.

Ra l-verbal tas-seduta tat-30 ta’ Settembru 2015, minn fejn jirrizulta li: (i) bejn il-partijiet, li ghad li mhumiex mizzewgin ghandhom wild komuni, hemm kawza pendenti fl-istess ismijiet quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) bin-numru 286/14AL, permezz ta' liema kawza saru talbiet dwar l-kura u l-kustodja, l-access u l-manteniment tal-minuri; u (ii) li l-kawza ghadha pendenti u fil-fatt tinsab differita ghat-18 ta' Novembru 2015 u li sa issa ghadha ma inghatat ebda sentenza fiha ghajr ghad-digriet sopracitati;

Ra l-kopja tar-rikors guramentat tal-kawza appena citata kif ukoll il-kopja tad-digrieti moghtija *pendente lite* tas-7 ta' Marzu 2014, 21 ta' Awwissu 2014 u 21 ta' Ottubru 2014;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema’ t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari tal-kompetenza sollevata mit-Tribunal;

Ikkunsidra:

Illi qabel xejn it-Tribunal ihoss li ghandu jaghmel xi cenni dwar ic-cirkostanzi odjerni u cjoe fejn tqanqal dubju dwar il-kompetenza tieghu li jiddeciedi l-materja li ghandu quddiemu;

Illi mhemmx dubju li t-Tribunal ghandu jissolleva *ex officio* eccezzjoni tal-inkompetenza tieghu f’cirkostanzi fejn tali eccezzjoni ma titqanqalx mill-konvenut fejn *prima facie* jidhirlu li jista’ jkun hemm kwistjonijiet li jincidu fuq il-kompetenza (bhalma hu l-kaz odjern);

Naturalment mhux kull fejn *prima facie* jidher li jista' jkun hemm kwistjonijiet li jincidu fuq il-kompetenza ghandu jwassal *ipso facto* sabiex it-Tribunal jizvesti ruhu milli jisma' u jaqta' l-kawza;

Dan il-punt gie trattat fit-tul fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tat-12 ta' Frar 2010 fl-ismijiet "Salome' Chetcuti *vs* Jonathan Satariano" fejn il-Qorti elenkat is-segwenti principji:

> 1. Ghal fini tad-determinazzjoni tal-kompetenza *ratione materiae* hu principju illi ghandu jittiehed rigward ghall-oggett tat-talba introduttiva u ghall-fatti u cirkostanzi premessi ghas-sostenn ta' dik it-talba. Ara "Frankie Refalo *noe et* Jason Azzopardi *et*", Appell, 7 ta' Ottubru, 1997;
>
> 2. Dan il-principju jsofri limitazzjoni f'certi kazijiet dipendenti mix-xorta ta' eccezzjonijiet u tad-deduzzjonijiet proposti mill-kontroparti, ghax anke in bazi ghal din il-prospettazzjoni tal-konvenut hu mistenni li t-Tribunal jivverifika jekk *prima facie* ghandux kompetenza jistharreg il-materja li l-attrici tkun iddevolviet ghad-decizjoni tieghu. Hu biss fejn isib li d-difizi jistghu jinfluwixxu fuq id-domanda illi t-Tribunal ghandu jarresta l-pass u jiddikjara l-inkompetenza tieghu. Ara "Marika Caruana *vs* Direttur Generali tal-Qrati", Appell mit-Tribunal, 23 ta' Jannar, 2004;
>
> 3. Mhux kull eccezzjoni ghandha tikkomporta ta' bilfors l-eskluzjoni tal-kompetenza minhabba l-materja fit-tribunal adit jew ghall-individwazzjoni ta' forum kompetenti divers. Biex ikun hekk il-kaz u dik l-eccezzjoni tkun tikkostitwixxi fonti residwali ta' stharrig ghal skop ta' kompetenza jrid jirrizulta li din tkun hekk tirpoza fuq il-bazi ta' kriterji sodi u serji f'kuntrast mat-talba devoluta. Hu dejjem tajjeb li jigi mfakkar dak drabi ohra mtenni b'kawtela minn din il-Qorti, kif presjeduta, u, cjoe, li kull kwestjoni ghandha tinzamm fil-parametri tal-bon sens u ta' l-interpretazzjoni ragonevoli tal-ligi biex il-kawzi quddiem it-Tribunal specjali ma jispiccawx arenati b'mod li l-iskop tal-ligi li kkrejatu jigi newtralizzat b'kull skuza ezagerata tan-nuqqas tal-kompetenza tieghu. Ara "Paul Zarb *et vs* Emanuel Ellul *et*", 1 ta' Novembru 2006. Fi kliem iehor, il-limitazzjoni ghall-principju m'ghandux jiggebbed sal-punt illi, moghtija l-eccezzjoni, ghandha tiskatta awtomatikament l-inkompetenza ratione materiae tat-Tribunal izda dan ghandu b'dover jezamina, anke prima facie, jekk tezistix bazi serja f'dik l-eccezzjoni qabel ma jippronunzja ruhu, anke *marte proprio* fuq l-inkompetenza tieghu;

Ikkunsidra;

Illi fil-kaz odjern, it-Tribunal qieghed jintalab jiddeciedi dwar hlas ta' spejjez li allegatament saru ghas-sahha u edukazzjoni ta' wild minuri mill-omm, li issa qieghdha titlob rimbors ta' (parti minn) tali spejjez minghand il-missier konvenut;

Illi skond l-abbli difensur tal-attrici, din mhijiex l-ewwel darba li ghad li jkun hemm proceduri pendenti, dan it-Tribunal gie adit b'talba bhal dik odjerna. In sostenn ta' dan huwa jaghmel riferenza ghas-sentenza preliminari moghtija minn dan it-Tribunal, diversament presedut, nhar it-13 ta' Jannar 2012 fl-ismijiet "Joanna Jibiri *vs* Paul James Jibiri". F'dik is-sentenza intqal:

> Illi mill-atti processwali jirrizulta li hem pendent bejn il-partijiet kontendenti kawza ta' separazzjoni personali, li ghadha *sub judice*, illi rrizulta wkoll illi waqt il-mori tal-kawza, inghata digriet mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datat 27 ta' Ottubru 2010, li in forza tieghu l-attrici talbet – fost l-ohrajn – illi l-konvenut ghandu jigi ordnat ihallas ghal nofs l-ispejjez edukattivi, medici u extra-kurrikulari tat-tliet (3) uliedu minuri u l-Qorti laqghet it-talba tal-attrici;
>
> …
>
> Illi f'dan il-kaz qed jintalab hlas minghand il-konvenut ta' sehem li huwa dovut minnu ghal spejjez inkorsi mill-attrici ghal uliedhom, u liema sehem huwa dovut ai termini ta' digriet… Illi ghalhekk il-bazi tal-azzjoni, hija d-digriet in kwistjoni, li ghalkemm ma jistipulax ammont specifiku dovut mill-konvenut, johloq obbligu li huwa kwantifikabbli u liema obbligu – kemm-il darba jirrizulta u jigi

> ppruvat – jikkonsisti unikament fil-hlas ta' somma flus mill-konvenut lill-attrici. Illi gialadarba l-azzjoni hija specifikament ghall-hlas ta' somma flus minn parti lill-parti 'l ohra, u gialadarba l-ammont mitlub jaqa' fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal, jsegwi li tali talba tinkwadra ruhha fil-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal.

Illi a bazi ta' dan ir-ragunament, it-Tribunal, diversament presedut, cahad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut tan-nuqqas ta' kompetenza *ratione materiae* u ordna l-prosegwiment tal-kawza;

Ikkunsidra;

Illi fil-kaz odjern irid johrog car il-fatt li d-digriet li fuqu hija msejjsa l-azzjoni huwa digriet *pendente lite* moghti fil-mori ta' proceduri pendenti quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) liema proceduri ghadhom *sub judice*;

Illi l-Kodici Civili (Kap. 16) jahseb ghal provvedimenti *pendente lite* f'kawza ta' firda personali dwar tliet aspetti tal-hajja konjugali u cjoe dwar id-dar matrimonjali (Art. 46), dwar il-hsieb tal-ulied (Art. 47) u dwar il-manteniment (Art. 46A). Din l-ahhar dispozizzjoni dahlet bis-sahha tal-emendi li saru bl-Att XXI tal-1993, ligi li gabet tibdil radikali fl-affarijiet tal-familja u komunement maghrufa bhala l-ligi li gabet lill-konjugi shab indaqs fiz-zwieg;

Illi l-Art. 46A tal-Kap. 16 jipprovdi kif gej:

> Fiż-żmien li tkun miexja l-kawża tal-firda, kull waħda mill-partijiet, sew jekk attriċi jew konvenuta, tista' titlob mingħand il-parti l-oħra somma għall-manteniment skont il-bżonnijiet tagħha u skont il-mezzi tal-parti l-oħra, u meta jitqiesu wkoll iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-partijiet.

Il-ligi tahseb ukoll ghall-obbligu tal-manteniment bejn axxendenti u dixxendenti u tipprovdi wkoll ghal provvedimenti *pendente lite.* L-Art. 25 tal-Kap. 16 jipprovdi kif gej:

> (1) Meta jkun hemm talba għall-manteniment, il-qorti tista', waqt li tkun għadha miexja l-kawża, tikkundanna lill-konvenut biex jagħti lill-attur il-manteniment provviżorju f'somma li tkun biżżejjed għall-ħwejjeġ l-aktar meħtieġa għall-ħajja, iżda dan kemm-il darba l-konvenut ikun biċ-ċar wieħed minn dawk illi, jekk ikollhom minn fejn, huma mil-liġi fid-dmir li jagħtu l-manteniment lill-attur.
>
> (2) Jekk f'dan il-każ it-talba għall-manteniment tiġi miċħuda, il-konvenut ikollu l-jedd jitlob mingħand l-attur innifsu, jew mingħand il-persuna li jkollha d-dmir tagħti l-manteniment lil dak l-attur, ir-radd bl-imgħax ta' kull somma li jkun ħallas.

Illi dawn id-dispozizzjonijiet kollha jaghmlu parti minn Titolu I tal-Ewwel Ktieb tal-Kap. 16;

Illi jrid jinghad li fiz-zmien kien hemm l-Art. 480 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) li kien jipprovdi dwar is-"smigħ ta' rikors għal manteniment provviżorju eċċ.", liema artiklu kien gie miżjud bl-Att XV tal-1983 u sussegwentement gie emendat bl-Att XXI tal-1993, kif ukoll l-Art. 481A li kien jipprovdi ghar-reviżjoni ta' digriet ta' manteniment liema dispozizzjoni kienet giet miżjuda bl-Att XIII tal-1985. Dawn iz-zewg dispozizzjonijiet kienu gew imhassrin fil-process ta' riforma tal-ligijiet procedurali li sar wara l-2002 bid-dhul fis-sehh tal-Att XXXI tal-2002;

Illi dwar l-Art. 480 tal-Kap. 12, esprimiet ruhha l-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza taghha tad-9 ta' Dicembru 2002 fl-ismijiet "Marija Zammit *pro et noe vs* Agostino Zammit" fuq rikors ta' wahda mill-konjugi sabiex manteniment dekretat *pendente lite* jinqata' mill-paga tal-konjugi l-iehor, irriteniet hekk:

> Jidher car li l-legislatur, ghal ragunijiet prattici, espressament ikklassifika d-digriet tas-Sekond'Awla li jillikwida u jordna l-hlas tal-alementi *pendente lite* f'kazi ta' separazzjoni personali bhala titolu esekuttiv, esegwibbli bil-mod kif indikat fl-artikolu 480 (3)… Infatti, gie attribwit lil dan id-digriet, is-sahha u il-valur daqs li kieku kien "sentenza" li tinghata wara kawza ta' manteniment. Dan id-digriet huwa esegwibbli mill-Qorti ta' gurisdizzjoni kontenzjuza li quddiemha tista' tingieb jew tkun pendenti kawza ghal separazzjoni personali u dana bl-istess mod kif jigu esegwiti titoli esekuttivi.

Imma l-pozizzjoni hija kemmxejn diversa llum, fejn, fil-waqt li thassru d-dispozizzjonijiet fuq citati fil-Kodici tal-Procedura, il-proceduri li jwasslu ghall-firda personali huma regolati wkoll bl-Avviz Legali 397 tal-2003 kif sussegwentement emendat u cjoe ir-Regolamenti dwar Il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u Il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja) li *inter alia* jipprovdi kif gej, permezz tar-Reg. 4(13):

> …kull parti tista' filwaqt li jkunu ghadhom ghaddejjin il-proceduri ta' konciljazzjoni, medjazzjoni, jew stadji ta' qabel jew matul is-smigh tal-kawza, titlob lill-Qorti taghti dawk l-ordnijiet provvizorji jew tiddekreta tali provvediment jew mandat skond ma jistghu jkunu mehtiega biex tikkawtela kull interess li jista' jkollha.

Illi dawn ir-Regolamenti jmorru lil hinn mill-kwistjonijiet ta' firda personali u japplikaw anke ghal kazijiet bejn persuni li ghad li ma jkunux mizzewgin ikollhom tilwim dwar ulied komuni, bhalma hu l-kaz odjern;

Illi ghalhekk, il-kwistjoni li ghandu quddiemu t-Tribunal hija wahda dwar l-applikazzjoni ta' provvediment *pendente lite* f'kawza li ghadha pendenti quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) bejn persuni li ghad li mhux mizzewgin, ghandhom wild komuni. Kif diga nghad, ir-Regolamenti sopracitati japplikaw sija ghal kazijiet bejn mizzewwgin kif ukoll f'cirkostanzi analogi ghal dawk odjerni.

Issa, dwar cirkostanzi fejn ghandek provvediment *pendente lite* f'kuntest ta' tilwim familjari u xi wahda mill-partijiet tghaddi sabiex tiehu azzjoni dwar kwistjonijiet koperti b'tali provvediment, ippronuncjat ruhha l-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza tad-9 ta' Frar 2005 fl-ismijiet "Agostino Farrugia *vs* Salvina Farrugia". F'dik is-sentenza, il-Qorti irriteniet hekk:

> F'dan il-kaz il-konvenuta inizzjat proceduri ta' separazzjoni u talbet ukoll li jigi ffissat lilha l-manteniment… Hu ferm perikoluz li wiehed jikkonsidra l-kwestjoni sempliciter u b' mod aridu, minghajr id-dovuta attenzjoni ghall-fatt li hawn si tratta ta' cirkustanzi specjali u delikati li jkun ahjar li jigu trattati u epurati mit-tribunal specjalizzat li hi l-Qorti tal-Familja. Multo magis, imbaghad, meta l-kwestjoni gja tressqet quddiemha fil-kawza tas-separazzjoni;
>
> Din il-Qorti ma tarax li tista' taccetta bhala proposizzjoni gusta u korretta illi l-konjugi paganti ghandu dritt inaqqar mill-manteniment prestabbilit bi provvediment tal-Qorti billi javvanza quddiem tribunal iehor, u mhux flistess azzjoni tas-separazzjoni, pretensjoni ghall-kontribuzzjonijiet perjodici li jinsorgu. Il-materja hi aktar komplessa minn hekk. Hu bil-wisq ovvju, fi kwestjonijiet ta' din ix-xorta, illi t-tribunal ikollu jezamina jekk il-parti azzjonata tuzufruwix minn fondi sufficcjenti biex taghmel il-kontribuzzjoni rikjesta minnha, u f' kaz negattiv, li jaghmel ezercizzju komparattiv tal-mezzi ekonomici ta' kull wiehed u wahda fost il-konjugi. Dan ghal fini li jigi determinat, anke konsiderat l-istat ta' sahha u dak talbzonn, jekk tezistix dik id-disparita` ekonomika li tiggustifika t-talba ghal versament tal-kontribuzzjoni u, fuq kollox, f' liema mizura. Fil-hsieb tal-Qorti ma jidherx li ezami bhal dan jista' jsir mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar. Dan mhux biss in raguni ghal dak appena dedott izda ukoll ghal fatt li l-materja ghandha per forza rabta intrinsika ma' l-addebitabilita` tas-separazzjoni. U din tirrikjedi valutazzjoni globali u komparattiva ta' l-imgieba ta' kull wiehed u wahda mill-konjugi. Materja din li jkun dejjem ahjar li tigi approfondita mill-Qorti fil-kawza proprja tas-separazzjoni;

> Din il-Qorti ma tarax ukoll li hu sewwa li l-parti intitolata ghall-alimenti titqieghed fi stat ta' pregudizzjalita` ghax il-konjugi l-iehor ifettillu li jizvixxera l-kwistjoni mis-sede proprja tas-separazzjoni, iressaqha quddiem tribunal iehor jew qorti ohra, aktar u aktar meta dik il-parti ma tkunx gja, b' xi digriet tal-qorti, anqas wiehed temporanju, ordnata taghmel dik il-kontribuzzjoni. Kif taraha din il-Qorti l-materja mhux biss hi attratta mill-procediment tas-separazzjoni izda lanqas ghandha tkun sottratta mill-gurisdizzjoni tal-Qorti Civili, Prim'Awla, li tkun qed tiddelibera l-firda u l-incidenti kollha sorti f'dak l-istess gudizzju istitwit;

Illi fil-kaz odjern, id-digriet in dizanima jidher li jipprovdi ghall-principju li nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni ghandu jbatihom il-konvenut odjern. Huwa car li hemm kwistjoni u t-Tribunal ma jarax li hemm xi ostakolu – tenut kont li hemm kawza pendenti – li tali kwistjoni titqanqal imqar b'rikors quddiem il-Qorti li qed tisma' l-kawza. Fuq kollox, il-provvediment citat hu wiehed provizorju u l-A.L. 397 tal-2003 kif sussegwentement emendat jirriserva lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) l-kawzi kollha bbazati fuq dispozizzjonijiet li jaghmlu parti minn Titolu I tal-Ewwel Ktieb tal-Kap. 16;

Kontra dan l-argument, l-abbli difensur tal-attrici fit-trattazzjoni tieghu jaghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tal-20 ta' Marzu 2014 fl-ismijiet "Miljan Miljanic *vs* Tiziana Roberta Miljanic" izda t-Tribunal iqis li l-fatti hawn huma ghal kollox differenti in kwantu f'dak il-kaz kienet qed tintalab esekuzzjoni ta' jeddijiet jew obbligi naxxenti minn kuntratt ta' separazzjoni – kwistjoni li mhemmx dubju (anke skond l-Avviz Legali 9 tal-2004) li tohrog 'il barra mill-isfera ta' kompetenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja);

Illi fuq kollox, it-Tribunal iqis li kemm il-premessi (senjatament premessa 5) kif ukoll it-talbiet kontenuti fir-rikors guramentat tal-kawza bejn il-kontendenti odjerni pendenti fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) li kopja tieghu tinsab in atti (a fol 35 *et seq*) huma ppernjati wkoll fuq il-fatt li l-konvenut mhuwiex ihallas ghall-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha minkejja li ghandu ordni ghal dan il-ghan u kwindi hu ragjonevoli li jinghad li meta giet prezentata l-odjerna kawza, diga kien hemm kawza ghall-istess mertu quddiem il-Qorti Civili. Certament li dan ikompli jsahhah il-konvinzjoni li l-kawza odjerna, ma taqax fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal;

Illi ghalhekk, t-Tribunal ihoss li tenut kont li hemm kawza pendenti u li l-provvediment li tahtu qed issir l-azzjoni huwa wiehed *pendente lite*, ghandu jabbraccja l-principji tas-sentenzi tal-Qrati fuq citati u jiddipartixxi minn dak deciz minn dan it-Tribunal, diversament presedut, fis-sentenza preliminari fuq citata fl-ismijiet "Jibiri *vs* Jibiri", u konsegwentement jiddikjara li mghandux il-kompetenza *ratione materiae* sabiex jisma' u jiddeciedi din il-kawza;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi, fil-waqt li jipprovdi dwar l-eccezzjoni tal-kompetenza billi jiddikjara li mghandux il-kompetenza *ratione materiae* sabiex jisma' u jiddeciedi din il-kawza, jichad it-Talba Attrici. Bl-ispejjez kontra l-Attur.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*